MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Rikors Numru. 359/2011

Kawza fil-lista: 13

**VM**
**vs**
**QM**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' Ottubru 1990, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Vanessa Pool ippubblikat fil-11 ta' Dicembru 2001;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi m’ hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-artiklu 66D(2) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-intimat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet lill-attrici;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------